# L-ILMA GĦALL-BELT VALLETTA

Meta l-Gran Mastru Jean de Valete dit Parisot nhar it-28 ta' Marzu 1566 kien tefa s-sisien tal-belt il-ġdida fuq il-Għolja ta' Xiber Ras, u kien ta' l-isem ta' Valletta u parti mill-arma ta' kunjom il-familja tiegħu, l-akbar diffikultà li kien sab kien in-nuqqas ta' ilma.

Għalhekk, kienu ħaffru bosta bjar fin-naħa t'isfel tal-belt, u bdew iġibu l-ilma mill-Marsa fuq braken, biex iferrawh fihom.

Belt mingħajr ilma kienet qisha ġisem bla ruħ.

Kull Gran Mastru li laħaq warajh, stinka u ħabrek bix jara kif jirmedja, għaliex f'każ ta' assedju ieħor, dawk li jkunu qegħdin ġewwa s-swar, żguri li kienu jmutu bil-għatx.

Waqt li kienu qed iħaffru u jwittu l-blat, b'ċikka, kienu ltaqgħu ma' nixxiegħa żgħira ta' ilma, u tgħidx kemm ferħu u għamlu festi għal din is-sejba. Iżda kienet ferħa meqjusa għaliex ftit ġimgħat wara nixfet u ma baqatx tnixxi aktar ilma.

Fl-aħħar il-Gran Mastru Alof de Wignacourt kien twebbel sew li jirmedja għan-nuqqas ta' l-ilma fil-belt. Stieden lill-Patri Nikola Tomasucci, Ġiżwita minn Milan, biex jiġi hawn u jieħu f'idejh l-intrapriża għas-sejbin ta' l-ilma.

Wara li studjaw u raw mnejn l-aktar li hawn depostu ta' ilma fil-gżira, sabu li l-akbar għadd ta' nixxigħat ta' ilma jinsabu fl-inħawi ta' Ħad-Dingli. Dan, imħabba l-qagħda ġeo-fiżika tar-raħal, kważi fl-għola nħawi tal-gżira, u fejn hemm is-saffi tal-blat tista' tgħid kollha tal-ġeoloġija Maltija, l-ilma li jnixxi mill-blat ta' fuq, jieqaf fuq is-saff tat-tafal, li qiegħed taħt, għaliex ma jgħaddix minnu.

L-inħawi jinsabu 'l barra minn Ħad-Dingli, u huma magħrufa bl-ismijiet, sal-lum, ta' Djar Ħandul, tax-Xagħra, Ħofriet ir-Rizz. Tħaffru kanali u gandotti taħt l-art għal medda ġmielha, ħolqu xogħol u għejxien għal bosta ħaddiema, u qabdu l-ilmijiet għal ġewwa fihom. Uħud minn dawk li kellhom dawk l-



artijiet tnaffru u xtaqu joħolqu l-inkwiet ukoll. B'danakollu, ix-xogħol baqa' sejjer.

Dawn l-għejjun għaqduhom ma' għejjun oħra fl-inħawi ta' Għajn Qajjied, ta' Għajn Ċiumi, ta' Għajn Turġien ta' Busugrilla, biex imbagħad żiedu n-nixxigħat tal-Borġi ta' l-Imtarfa, u l-oħra ta' Miġra ta' Misraħ Musa, u dawk ta' Wied il-Busbies u ta' Ħarġiet Mewwija.

Ix-xogħol beda fis-sena 1610.

Iżda meta kienu qorbu lejn H'Attard, il-Patri Tomasucci, mingħajr ma kien ta' ebda raġuni, kien fettillu jitlaq, u x-xogħol ħaduh f'idejhom Andrea da Trapani, Giuseppe da Palermo, u Ġanni Attard.

Minn ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħ'Attard sa Fleur-de-Lys, hemm nitfa ta' dekliv, jiġifieri l-art tinżel u tmil l-isfel, u l-aktar lejn l-Imreiħel, u għalhekk, bħal ma kienu jagħmlu r-Rumani fil-qedem kull fejn kienu jaħkmu, bnew arkati, aktar għolja mill-art, biex il-katusi, jew kannen, jibqgħu fid-dritt, u l-ilma jibqa' jistgħadar bħal kieku kien mixi fuq it-triq.

Wara ftit wasal hawn ukoll espert Taljan ieħor, Bontadino de Bontadino, minn Bolonja (Italja), u kompla x-xogħol. Imma ġurnata waħda xi ħadd kien ferih għall-mewt, u Bontadini ħalla ġildu hawn.

Dawk l-arkati nafuhom bl-isem ta' akwedott, u narawh minn H'Attard medda kbira sat-Turretta, ta' Santa Venera, fejn l-art terġa' tibda żurżieqa, u l-katusi moħbija taħt l-art.

L-akwedott sar bi flus il-Gran Mastru Alof de Wignacourt u kien qam 154,864 skudi ta' Malta, li minnhom il-Gran Mastru ħareġ 114,864, billi 40,000 skud kienu ittieħdu minn fuq il-qliegħ tal-qamħ.

Ħad-Dingli, l-iċken raħal dak iż-żmien, bil-ġid naturali li taħ il-Ħallieq ta' kollox, ta l-ħajja lill-belt tal-Kavalieri, belt mibnija kollha palazzi u knejjes mill-isbaħ.

**Kavalier Joseph Galea**

---

*jaqbad minn paġna 3*

Santa Marija fetħet il-Banka tal-Lottu għall-ewwel darba. Ir-riċevitur tal-lottu huwa is-Sur Robert Vella. Nisperaw li bħal dejjem ikollna l-koperazzjoni tagħkom.

Is-Sinjura G. Giordano għoġobha tagħti Leġiju bħala donazzjoni lill-Każin tal-Banda Santa Marija. Ta' dan aħna nirringrazzjawha u nisperaw illi nies oħra jitħajru minn dan il-ġest ġeneruż.

Il-President flimkien mal-kumitati jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex il-Bazaar b'risq il-Każin tal-Banda Santa Marija jkun daqshekk suċċess. Grazzi b'mod speċjali lill-membri tas-sotto kumitat nisa li taw is-sehem sħiħ tagħhom matul il-jiem tal-Bazaar.

It-Tberik tal-Każin tal-Banda Santa Marija, fl-okkażjoni ta' l-Għid il-Kbir, għandu jsir nhar il-Ħadd 7 ta' Ġunju, 1987 fl-għaxra ta' filgħodu.

Nixtiequ nagħmlu appell lis-soċi kollha sabiex għal din l-okkażjoni jattendu numerużi.

Dan għandu jitqies bħala avviż lill-membri kollha tal-Każin tal-Banda Santa Marija.

**NIKET**

Il-Kumitat juri sogħba għat-telfa tas-soċji:
Anthony Bonello
Carmel Sammut
u jagħti l-kondoljanzi lill-familjari tagħhom. Agħtihom O Mulej, il-Mistrieħ ta' Dejjem.